

Appell ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2014 minn Bharat Heavy Electricals Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti Ĝeneralni (It-Tmien Awla) fil-21 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża T-374/14, Bharat Heavy Electricals vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-602/14 P)

(2015/C 311/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Bharat Heavy Electricals Ltd (rappreżentant: A. Mc Donagh, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-4 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell u kkundannat lil Bharat Heavy Electricals Ltd tbatil l-ispejjeż tagħha.

Appell ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2015 mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni (It-Tielet Awla) fil-25 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-556/12: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) vs Royalton Overseas Ltd

(Kawża C-36/15 P)

(2015/C 311/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Royalton Overseas Ltd, S.C. Romarose Invest Srl

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja b'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2015.

Appell ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2015 minn Mohammad Makhlof mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni (Is-Seba' Awla) fil-21 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-509/11, Makhlof vs Il-Kunsill

(Kawża C-136/15 P)

(2015/C 311/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Mohammad Makhlof (rappreżentant: G. Karouni, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla s-sentenza kkontestata;

- tiddikjara li d-deċiżjonijiet u r-regolamenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea indirizzati minn dan ir-rikors huma nulli u bla effett sa fejn dawn jirrigwardaw lill-appellant;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tar-rikorrent marbuta mal-appell u mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali;

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka aggravju wieħed ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-implementazzjoni tar-regoli marbuta mal-obbligu impost fuq il-Kunsill.

B'mod iktar partikolari, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ibbażat ruħha fuq motivazzjoni tal-Kunsill li hija inkompleta u mhux iċċirkustanzjata, fatt li ma ppermittilux li jidentifika r-raġunijiet speċifiċi u konkreti għall-iskrizzjoni tiegħu. Konsegwentement, l-appellant ma kienx f'pożizzjoni li jiżgura difiża adegwata, minħabba l-injoranza tal-fatt li kien ġie allegat fil-konfront tiegħu marbut mar-repressjoni tal-manifestanti, jew mal-provvista ta' appoġġ tar-reġim jew anki mal-gwadann mir-reġim.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali żnaturat manifestament l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni meta pprovat tirrinejda l-karenza tal-Kunsill, billi invokat, bi żball u għall-ewwel darba fis-sentenza tagħha, il-fatt li l-appellant “jibbenfika minn linji politiċi mmexxija mir-reġim”.

L-assenza ta' indikazzjoni ċara u preċiża fil-motivazzjoni tal-Kunsill tal-fatt inkriminat, li ta lok għall-miżura restrittiva, b'hekk ippreġudikat b'mod serju l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tal-appellant.

Appell ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2015 minn Robert Aubineau et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-18 ta' Marzu 2015 fil-Kawżi T-195/11, T-485/11, T-448/12 u T-41/13, Cahier et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni

(Kawża C-227/15 P)

(2015/C 311/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franç̄iż

Partijiet

Appellant: Robert Aubineau et (rappreżentant: Ch.-E. Gudin, avukat)

Partijiet oħra fil-proċeduri: Il-Kunsill, Il-Kummissjoni u Franzia

Talbiet

- tannulla s-sentenza li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-projbizzjoni fir-rigward tal-produtturi-distillaturi li jiddistillaw huma stess l-inbejjed tagħhom li pproduċew b'eċċess tal-kwantitajiet normali, fuq il-bażi li jistgħu jitkolbu awtorizzazzjoni, billi jsiru distillaturi minn qabel;
- tannulla s-sentenza li tirrifjuta li tirrikonoxxi n-natura diskriminatorja tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 (¹) li ma jagħtix l-istess drittijiet lill-produtturi tal-ispiṛti;
- tannulla s-sentenza li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-aġir kolpevoli u r-responsabbiltà tal-istituzzjoni li stabbilixxew regoli li, meta applikati fi ħdan organizzazzjoni komuni tas-suq, bħal fil-każ preżenti, ikunu inkompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni rrikonoxxut bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u fl-Artikolu 140 TFUE,